MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 153/2014

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta Mejju 1999, fil-Knisja tal-Balluta, San Giljan Dokument A hawn anness, u minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati madwar seba’ snin b’kuntratt redatt minn Nutar Dr Marilena Christina datat 26 ta’ Frar 2007 li kopja tieghu qeghda tigi hawn anness u mmarkata Dokument B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ilha f’relazzjoni dejjiema ma ragel iehor mil-liema relazzjoni twieled tifel li llum ghandu 4 snin;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin kif indikat fl-anness kuntratt ta’ separazzjoni billi l-partijiet kienu permezz tal-istess att irrinunzjaw ghal kull dritt ta’ manteniment wiehed kontra l-ohra u vice versa kif hekk imsemmi fir-raba’ paragrafu tal-imsemmi kuntratt;

Illi l-fatt fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet in vista tal-premess li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ April, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Frar 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------